# Kunsill Lokali Ta’ Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 547

It-Tlieta, 19 ta’ Lulju, 2022

Il-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta’ Kerċem, fil-5.00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier

SKUZATI:

Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta’ Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

# Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 547.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-Sinjuri Horace Vella, Frankie Attard u Abigail Micallef talbu li jigu skuzati minhabba ragunijiet ta' xoghol u skola. Hadd ma sab oggezzjoni

## 547.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 547.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

547.3.1 Il-Kunsill Lokali rċieva ittra legali minn naħa tal-Primary Healthcare u dan wara li l-Kunsill obbligahom johorġu mis-sit li kienu qed jokkupaw mingħajr ma riedu jħallsu kera. Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ddeċieda illi nirrisponduhom bl-Avukat tagħna b'mod speċjali sabiex iroddu lura ċ-ċwievet.

547.3.2 Dwar ir-rapport li kien qed isir mill-kumpanija AIS rigward it-trakkijiet tar-radam, iffirmajna arranġament mal-Ministeru għal Għawdex sabiex dan ir-rapport jiġi ffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex innifsu.

547.3.3 Dwar il-kofinanzjament tal-proġetti tal-Ewropa, il-Kunsill għadu ma jistgħax ikun jaf fejn hu qiegħed peress li l-Kumitat għadu ma ġiex iffurmat.

547.3.4 Irċevejna risposta b'ittra legali oħra mingħand Stefano Sferrazzo dwar ix-xogħolijiet tar-restawr fejn qed jitlob li jitħallas tal-invoices kollha li baghat. Il-Kunsill mhux ser jaccetta dan u ser jerga' jitkellem mal-Avukat tiegħu.

547.3.5 L-Ing Simon Mizzi bagħat xi eżempji ta' dwal li jistgħu jeħlu fi Triq San Girgor. Il-Kunsill ra x'jista' jsir iżda dawn ovvjament għad baqgħalhom biex jeħlu peress li l-ewwel trid toħroġ l-offerta.

547.3.6 Id-DLG ħareġ Ċirkulari Nru SPI/SCI/7/2022 – World Clean Up. Il-Kunsill iddiskuta l-kontenut tagħha u qabel li japplika skont il-kriterji kollha.

547.3.7 Il-Kunsill talab sabiex tingħalaq it-triq fejn l-Għadira ta' San Raflu nhar it-28 u 29 ta' Lulju minħabba l-festival li ser jittella' mill-Ghaqda Nar Kercem. TM ma sabitx oġġezzjoni u t-trakkijiet iduru minn naħa l-oħra.

547.3.8 Il-Kappillan bagħat ittra lill-Kunsill fejn wera l-ħsibijiet tiegħu dwar l-għeluq ta' Triq San Girgor waqt il-funerali. Is-Sindku qal li din il-problema tkellimha ukoll mal-Pulizija li qalulu li l-Kunsill m'ghandux dritt jaqbad u jagħlaq it-triq. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir no entry għal Heavy Vehicles biss minn isfel u minn fuq. Ġie deċiż li jsir hekk u naraw kif immorru.

## 547.4 Festa 2022

Is-Sindku wera d-dispjaċir tiegħu wara li din is-sena nħoloq ħafna ġenn bla bżonn minħabba l-quddiesa li kienet se ssir fi Pjazza Salvatore Busuttil. Huwa qal li l-Kunsill ma setgħax joħroġ permess biex tingħalaq din il-pjazza dakinhar meta kien hemm Triq Qasam San Ġorġ magħluqa. Is-SE qablet ma dan u qalet li ma setgħetx terfa' r-responsabbilta' li tagħlaq il-pjazza għax inkella r-raħal kien ser jingħalaq minn kullimkien u kien jinħoloq kaos sħiħ.

## 547.5 Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-SE qalet li bħalissa għandna lis-Sur George Refalo bħala Deputat. Pero', peress li dan mhux ser jibqa' Segretarju Eżekuttiv, ser ikollna nfittxu Deputat SE ieħor.

## 547.6 Miżura 3

Kif tkellimna fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill reġa' semma li ser japplika għal din il-miżura.

## 547.7 Financial Statements 2020

Is-SE ressqet il-Financial Statements għas-sena 2020 u dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 547.8 Symphony of lights u Fjakkolata 2022

Għal darb'ohra, il-Kunsill Lokali ser jerġa' japplika għal dawn l-attivitajiet mal-Ministeru għal Għawdex.

## 547.9 Ilmenti u Suġġerimenti

547.9.1 L-Għaqda tal-Armar talbu lill-Kunsill sabiex jagħmel it-tappieri tal-antarjoli tal-festa. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

547.9.2 Is-Sindku qal li lbieraħ inqabeż bukkett fjuri bi żvista għal funeral li kien hemm. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill messu jibda proċedura fejn tintbagħat kartolina lill-familjari tal-mejjet u ssir quddiesa għal ruħu/ha. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

## 547.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 547.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.40pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 24 ta’ Awwissu, 2022 fil-5pm. ta’ filgħaxija.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv